

# ANNIVERSARJI

*Mario Caruana*

*Filwaqt li hu xieraq li din is-sena niftakru, infakkru u nikkommemoraw b'mod speċjali l-ġrajjiet storiċi ta' mitt sena ilu – l-inkurunazzjoni tal-Bambina u l-ġieħ tal-Bażilika, inkluż anke l-anniversarji tal-istess avvenimenti – tajjeb ukoll li nfakkru xi ġrajjiet oħra li seħħew maż-żmien.*

## *Din is-sena jaħbat ...*

### L-425 sena mill-bini tal-knisja tal-Portu Salvu (1596)

L-aktar knisja importanti fl-Isla wara l-parroċċa, hi dik tal-Madonna tal-Portu Salvu (San Filippu). Din taf il-bidu tagħha lil Dun Vincenz Caruana, it-tieni kappillan tal-Isla, fl-1596, proprju 425 sena ilu. Dan il-kappillan ħaseb biex tinbena din il-knisja ħalli dawk li kienu joqogħdu f'dawk in-naħat, ma jkollhomx skomdu esaġerat biex jaqdu d-doveri tagħhom ta' Nsara.

Fil-bini ta' din il-knisja, li sa mill-bidu kienet iddedikata lill-Viżitazzjoni tal-Madonna lil Santa Eliżabetta, taw sehem ewlieni dawk li kienu jaħdmu fuq il-baħar. Bit-tħabrik ta' Dun Leonardo Felici, l-ewwel rettur, mill-ewwel beda jinħass il-frott pastorali ġdid fil-parroċċa. Maż-żmien, il-knisja twaqqgħet u minflokha nbniet oħra, dik li naraw illum.



***Mill-knisja oriġinali ta' Santa Marija tal-Portu Salvu ma baqa' xejn ħlief il-memorja. Hawn tidher il-faċċata prinċipali tal-knisja tal-lum, mibnija fis-snin bikrin tas-seklu 18 mill-arkitett Senglean Karlu Vella.***

## L-400 sena mill-viżta pastorali tal-Isqof Baldassare Cagliares (1621)

Fis-16 ta' Mejju 1621, proprju 400 sena ilu, fi żmien il-kappillan Dun Cosmo Talavera, l-Isqof Cagliares għamel viżta pastorali fl-Isla li għandha sinifikat kbir għall-istorja tal-parroċċa. Fir-relazzjoni ta' din il-viżta, hemm ċar li fuq in-naħħa tal-lemin tal-artal maġġur, hemm artal imwaqqaf ftit żmien qabel minn Mastru Nardu de Maria, u magħruf bħala tas-Sokkors jew tal-Kunċizzjoni, li bħala titular kellu l-istatwa tal-Bambina.

Għad illi ma hemmx deskrizzjoni tal-istatwa, jidher li l-poplu Senglean kien diġà miġbud ħafna lejn dak l-artal u dik l-istatwa. Ir-relazzjoni turi wkoll b'mod indirett, is-sena li fiha waslet il-Bambina. Dan għaliex, filwaqt li fir-relazzjoni ta' viżta pastorali, kmieni fl-1618, il-Bambina ma tissemma xejn, f'dik is-sena 1621, jissemma ċar li dan l-artal u l-istatwa kienu ilhom xi tliet snin. Snin wara, relazzjoni ta' viżta pastorali oħra mill-istess Cagliares, tagħti deskrizzjoni dettaljata tal-istatwa tal-Bambina.



*L-Isqof Baldassare Cagliares (1614-1633) li f'diversi relazzjonijiet ta' viżti pastorali, ħalla ħafna tagħrif utli dwar l-istatwa ta' Marija Bambina.*

## It-375 sena mill-viżta Pastorali tal-Isqof Ġwann Mikiel Balaguer (1646)

Fis-sena 1646, proprju 375 sena ilu, fi żmien il-Kappillan Dun Dumink Attard, saret viżta pastorali mill-Isqof Balaguer. Kienet viżta li wriet għal darba oħra li l-ħidma pastorali u spiritwali kienet fi stat tajjeb. Dan wara li ġew eżaminati kemm il-kappillan kif ukoll xi saċerdoti tal-parroċċa.

Fir-rapport ġie nnutat li t-tkabbir estensiv tal-knisja mibdi mill-Kappillan Dun Mark Anton Ciappara kien miexi sew, għad illi kien baqa' ħafna xi jsir. Ix-xogħol ta' dan it-tkabbir, iżda, kien irriżulta fi tħarbit kbir fil-knisja. Fosthom, f'dik il-ħabta, il-fonti tal-Magħmudija tqiegħed b'mod temporanju fil-kappella tal-Madonna tal-Karità, dik li llum hija l-kappellun tad-Duluri. Dan it-tkabbir tal-knisja, taħt id-direzzjoni tal-arkitett Tumas Dingli, u li kien jinkludi l-bini tal-ewwel koppla, tlesta fis-sena 1657.



*L-Isqof Ġwann Mikiel Balaguer (1635-1663) li f'aktar minn viżta pastorali waħda li għamel fl-Isla, ta deskrizzjonijiet tax-xogħol ta' tkabbir estensiv tal-knisja parrokkjali tal-Isla.*





## It-300 sena mit-twaqqif tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu (1721)

L-ewwel ħjiel ta' devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu fil-knisja parrokkjali tal-Isla, huwa fis-sena 1718 meta ġew reġistrati xi legati marbuta ma' dan l-artal li kien għadu kif sar ġdid. Imbagħad, fis-sena 1721, proprju 300 sena ilu, fi żmien il-Kappillan Dun Fortunat Vella, u b'digriet tal-Isqof Gaspare Gori Mancini, fuq dan l-artal twaqqfet fratellanza taħt il-patroċinju tal-Madonna tal-Karmnu.

Minkejja dan, din il-fratellanza damet ma qabdet l-art u kellhom jgħaddu aktar minn mitt sena sa ma ħadet forma stabbli u bdiet tiffunzjona. Żmien il-qawmien ta' din il-fratellanza wasal fi żmien l-Arċipriet Kan. Dun Leopoldu Fiteni fl-1830, meta ġiet amalgamata mal-Kongregazzjoni tad-Duttrina.

Issa l-fratellanza bdiet tagħmel il-festa nhar is-16 ta' Lulju, u bosta nkitbu fiha jew fil-labtu tal-Karmnu bħala devozzjoni. Maż-żmien saru bosta opri mill-fratellanza. Fosthom, statwa tal-Madonna tad-Duttrina, tal-iskultur Senglean Vincenzo Bonnici, ġiet trasformata fi statwa tal-Madonna tal-Karmnu. Fl-1881, il-pittur Senglean Ġużeppi Bonnici pitter kwadru ġdid għal dan l-artal, u proprju 100 sena ilu, fl-1921, is-sena tal-inkurunazzjoni tal-Bambina, kien sar kwadru ieħor ġdid għal dan l-artal mill-pittur Ramiro Calì.



*L-artal tal-Madonna tal-Karmnu, fil-knisja ta' qabel il-gwerra, armat għall-festa tas-16 ta' Lulju. Jidher ukoll il-kwadru li sar fl-1921.*

## Il-200 sena mit-twelid tal-iskultur Vincenzo Bonnici (1821)

Fl-20 ta' Marzu 1821, proprju 200 sena ilu, fl-Isla twieled Vincenzo Bonnici, artist prominenti ta' żmienu, u li għamel isem u ġieħ għalih innifsu u għal belt twelidu. Għad illi ma studja taħt ebWa għalliem, l-arti dehret fih bħala don naturali. Ix-xogħol bikri tiegħu, l-aktar puleni għall-bastimenti, kien jgħaxxaq lil min jarah. Imma fl-istess ħin, ix-xbihat sagri li ħarġu minn idejh, huma espressjoni ta' fidi Nisranija qawwija.

Għall-Isla hu ħadem statwa tal-Madonna tad-Duttrina, wara trasformata fl-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu, kif ukoll xi skulturi oħra fl-injam, speċjalment madwar il-kwadru titulari fil-kor. Hu ħadem ukoll xogħol għall-parroċċa ta' Bormla u għad-Dumnikani tal-Birgu. Bonnici kien ukoll disinjatur ta' klassi, u fost l-oħrajn, għall-Isla hu





## Il-150 sena mid-digriet tal-Kurja dwar dfin fiċ-Ċimiterju (1871)

*Iz-zuntier tal-Isla fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata kif jidher illum, wara r-restawr estensiv li sar bejn l-1980 u l-1986.*

Wara li fl-1869, il-Gvern kien għadda liġi li tipprojbixxi d-dfin fil-knejjes, ingħata bidu għall-bini taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata. Il-parroċċa tal-Isla, kif kien xieraq, ingħatat biċċa art imdaqqsa għat-tħaffir tal-oqbra biex jissostitwixxu dawk li kien hemm fil-Knisja Kolleġġjata. Dik il-medda art, maż-żmien magħrufa bħala "iz-Zuntier tal-Isla", kellha tikkonsisti f'oqbra għal xi wħud mill-fratellanzi u oħrajn ta' familji jew individwi, kif ukoll kappella b'aktar oqbra.

It-tħaffir u l-bini tal-oqbra nfushom sar kollu mill-Gvern minn fondi pubbliċi. Imma peress li l-balavostrat li jagħlaq dan iz-zuntier u l-bini tal-kappella li kienet ipproġettata li ssir, riedu jsiru mill-fondi tal-parroċċa, kien jinħtieġ l-approvazzjoni tal-Awtoritajiet tal-Knisja għal din l-ispiża.

It-talba li saret mill-Arċipriet Kan. Dun Franġisk Colombo ġiet milqugħa mill-Isqof Mons. Gaetano Pace Forno OESA fil-31 ta' Jannar 1871, proprju 150 sena ilu. Il-bini taz-zuntier sar kif ippjanat, u nbeda aktar tard dik is-sena stess. Iżda għad illi t-tħaffir u l-bini tal-oqbra u x-xogħol tal-balavostrat sar kollu skont il-pjanti, għal xi raġuni, il-kappella qatt ma nbniet.



ddisinja l-ventartal tal-fidda tal-artal maġġur, u l-palk tal-banda li kien jintrama fi Triq il-Vitorja.

Ħasra li miet fl-età żgħira ta' 44 sena fit-12 ta' Awwissu 1865.

*Il-ventartal tal-fidda tal-artal maġġur tal-Kolleġġjata maħdum fl-1864 fuq disinn tal-artist Vincenzo Bonnici. Sa mis-sena 1925, dan il-ventartal, fil-jiem tal-festa titulari, beda jżejjen l-artal maġġur tal-Oratorju tal-Kurċifiss.*





## Il-100 sena mill-inkurunazzjoni tal-Bambina u t-titlu tal-Bażilika (1921)

Dwar x'wassal għal dawn il-ġrajjiet, u dwar it-tħejjijiet u ċelebrazzjonijiet li saru b'rabta ma' dawn iż-żewġ avvenimenti storiċi, qed jidhru artikli separati f'partijiet oħra ta' dan il-programm. Iżda tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh illi dawn il-festi kienu jirrikjedu wkoll ħafna xogħol manwali ta' tisbiħ, kemm fil-knisja kif ukoll fl-armar ta' barra.



***Għall-festi tal-inkurunazzjoni, inżebgħet il-knisja u sar ħafna xogħol ta' dekorazzjoni u induratura. Ir-ritratt juri l-kappellun tar-Rużarju fiż-żmien li kien qed isir dak ix-xogħol.***

Fil-knisja, apparti x-xogħol tal-bini tat-tribuna b'rabta mat-titlu tal-Bażilika, sar ħafna xogħol ta' żebgħa, kif ukoll l-induratura tal-iskultura fuq il-ġebla. Fl-istess ħin, il-korsija ġie mogħtija aspett aktar rikk u maestuż billi fuq l-arkati saru tmien pari anġli tal-kartapesta, iżommu skudetti b'emblemi tal-Madonna u l-lunetti ta' fuq l-istess arkati żżejnu b'motiv skolpit bassoriliev u indurat. Inħietet tapizzerija għall-pilastri ta' taħt in-navi, u saret ukoll induratura fuq opri tal-injam ta' ħafna mill-artali.

Fuq barra, ġie restawrat u miżbugħ l-armar eżistenti kollu, saret l-istatwa tal-Papa Benedittu XV qed jagħti simbolikament id-digriet tal-inkurunazzjoni lill-Arċisqof Dom Mawru Caruana OSB, kif ukoll żewġ anġli għal fuq iz-zuntier, iżommu simboli papali. Dan kollu minbarra xogħol impenjattiv fix-Xatt u f'ħafna mit-toroq.



***L-istatwa tal-Papa Benedittu XV, qed jippreżenta simbolikament id-digriet tal-inkurunazzjoni lill-Arċisqof Dom Mawru Caruana OSB, li nħadmet għall-okkażjoni.***



*Il-bidu tar-rikostruzzjoni tal-Bażilika wara l-gwerra. Ritratt tal-1946 li juri ċar nofs il-knisja mġarrfa, il-faċċata l-antika b'ħafna ħsarat qabel ma nħattet, u l-bini tiela' ġdid fin-naħa oriġinali tal-korsija, tal-Kappellun tad-Duluri u l-Kor.*



*Il-korsija fl-1971 appena sar il-kisi bl-irħam. Tajjeb wieħed jinnota li l-ġebel la kien għadu miżbugħ u lanqas indurat.*

## Il-25 sena mill-inkurunazzjoni u r-rikostruzzjoni tal-Bażilika (1946)

It-tifkira tal-25 sena mill-inkurunazzjoni, fl-1946, ħabtet fi żmien diffiċli għall-Isla u l-parroċċa. Kien iżda żmien il-bidu ta' qawmien mill-ħerba tal-gwerra. (Dettalji dwar ċelebrazzjonijiet kommemorattivi ta' dan l-anniversarju u ta' dawk tal-ħamsin u l-ħamsa u sebgħin sena, jidhru f'parti oħra ta' dan il-programm.)

F'dik is-sena, kif kien meħtieġ b'mod urġenti, l-akbar attenzjoni kienet qed tingħata lill-bini mill-ġdid tal-bażilika, fost ħafna diskussjonijiet diffiċli mal-awtoritajiet governattivi. Madanakollu, fil-bidu tas-sena, l-Arċipriet Brincat, seta' b'sodisfazzjon jinforma lill-Kapitlu li l-gvern kien awtorizza l-ħruġ ta' ammont ta' flus b'rikompens għall-ħsarat, u biex jibdew isiru t-tiswijiet neċessarji.

B'hekk, sa tmiem dik is-sena, il-bini fuq in-naħa tax-xellug tal-knisja, dik il-parti li salvat mill-qerda, kien ġa beda jieħu l-forma, tant illi l-bini 'l fuq mill-arkati tal-korsija, il-kappellun tad-Duluri u l-kor, kien lest sal-livell tal-gwarniċa ta' taħt is-saqaf. Kien kważi lest ukoll ix-xogħol fl-Oratorju tal-Kurċifiss ħalli jinfetaħ għas-servizz pastorali aħjar għan-nies tal-akkwati. Dak iż-żmien, is-servizzi liturġiċi u pastorali kienu jingħataw, kif possibbli, mis-sagristija tal-Bażilika.

## Il-50 sena mill-inkurunazzjoni (1971)

Dan l-anniversarju baqa' l-aktar magħruf għall-warda tad-deheb li tpoġġiet f'riġlejn il-Bambina nhar l-4 ta' Settembru u l-festi li saru. Imma fl-istess waqt, tajjeb li wieħed jara wkoll xi ftit mix-xogħol kbir li sar matul dik is-sena b'rabta ma' dak l-anniversarju.

Fil-knisja spikka l-aktar il-kisi bl-irħam tal-pilastri u kontropilastri tal-knisja u tal-kappelluni. Dawn saru wara snin twal ta' diskussjonijiet diffiċli mal-War Damage Commission dwar kumpens għal telf u danni ta' żmien il-gwerra. Kienet ħasra li l-prospettiva tal-kor ma kinitx laħqet tlestiet għal dawk il-festi. Fost ħafna xogħol ieħor, kien inħiet ukoll damask tal-ħarir għall-isfondijiet tal-Papiet fil-kappelluni.

Fuq barra, fuq inizjattiva tal-Kumitat tal-Festi Ċinkwantinarji, immexxi mill-Arċipriet Kan. Dun Ġwann Sladden, spikkaw ir-restawr u ż-żebgħa tal-armar, kif ukoll iż-żieda ta' sett ta' 28 Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann, biex jikkumplimentaw is-sistema ġdida tal-armar ta' Triq il-Vitorja kif ġiet modifikata. Għax-Xatt kienu nħietu sett ta' 16-il bandalora b'simboli tal-Madonna u 10 bnadar kbar għal mal-moll.





*Il-korsija tal-knisja fl-1996, bil-kisja tal-irħam ġdid (1971) u t-tapizzerija ġdida tal-ħarir tal-palma (1996).*

## Il-75 sena mill-inkurunazzjoni (1996)

L-istess bħalma sar fiż-żewġ anniversarji ta' qabel (1946 u 1971), din id-darba fi żmien l-Arċipriet Kanonku Dun Vincenz Cachia, minbarra l-preparazzjonijiet pastorali u ċelebrazzjonijiet ta' festi, saru wkoll għadd ta' opri u tiżjin li jibqa'. Bla dubju ta' xejn, l-aktar li spikka kien il-kisi tal-libsa u l-mant tal-Bambina bil-pjanċi tal-fidda u d-deheb. Din l-opra unika, mibdija mill-Arċipriet Sladden u mitmuma mill-Arċipriet Cachia, inħadmet fuq medda ta' 12-il sena mill-arġentier Vanni Bartolo. Din il-libsa żgur li tibqa' tfakkarna b'mod ħaj mhux biss f'dan l-anniversarju, imma wkoll f'dawn it-tliet persunaġġi.

Barra dan, u fost ħafna xogħol ieħor, inħietet tapizzerija tal-ħarir tal-palma bl-aċċessorji tad-deheb għall-korsija, il-kor u l-kappelluni tal-knisja, kif ukoll sar ix-xogħol delikat tad-dekorazzjoni tal-arkuni tas-saqaf tal-knisja.

Għal barra, saret l-istatwa ġdida li tirrappreżenta l-Belt Senglea tilqa' u tqim lill-Bambina. Kienu tlestew il-pavaljuni tad-dawl għal Triq il-Vitorja u, filwaqt li sar xi xogħol ieħor ġdid, ġie rinnovat l-armar eżistenti kollu.

Dawn il-ġrajjiet f'din il-kitba, u li l-anniversarji tagħhom jaħbtu matul din is-sena, huma biss għażla żgħira minn fost ħafna li seħħew fl-imgħoddi u li, flimkien ma' oħrajn, sawru l-istorja glorjuża ta' din il-belt u tal-parroċċa Sengleana.



*L-istatwa li tirrappreżenta lill-Belt Senglea tqim lill-Bambina, xogħol l-istatwarju Alfred Camilleri Cauchi, imżanżna fl-okkażjoni tal-75 anniversarju tal-inkurunazzjoni fl-1996.*

